A.L. 387 ta' l-2007

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2007 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Rural Entrepreneurship taħt il-patroċinju ta' l-Istitut ta' l-Agrikoltura

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74 (5) u 75 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-Istitut ta' l-Agrikoltura bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81 (1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2007 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Rural Entrepreneurship, taħt il-patroċinju ta' l-Istitut ta' l-Agrikoltura.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord ta' l-Istitut ta' l-Agrikoltura;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Rural Entrepreneurship; u

"il-Kors" tfisser il-kors ta' studji li jwassal għad-Diploma in Rural Entrepreneurship.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2007 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Università.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jestendi fuq perijodu ta' sena akkademika ta' studju fuq bażi *full-time* jew sentejn akkademiċi ta' studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm tal-Kors

5. (1) Il-Kors jikkonsisti minn għadd ta' taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati 60 kredtu.

(2) Il-Bord għandu jħejji l-programm ta' studji li jindika liema taqsimiet studju huma obbligatorji u liema fakultattivi u katalgu ta' taqsimiet studju li jindika l-livell, il-kodiċi, it-titlu, id-deskrizzjoni u t-tip ta' kull taqsima studju, il-kredti assenjati għal kull taqsima studju, u l-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni. Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju u l-katalgu qabel il-bidu ta' kull Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat. Suġġett għall-approvazzjoni tas-Senat, il-Bord jista' jagħmel xi tibdiliet meħtieġa għall-progrmm ta' studji u għall-katalgu skond kif meħtieġ.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

6. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fit-taqsimiet studju kollha tal-Kors, bil-kredti kollha jingħataw piż ugwali.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.